*EDIZZJONI STRAORDINARJA*
*EXTRAORDINARY EDITION*

# Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
## The Malta Government Gazette

PUBBLIKATA B'AWTORITA' — PUBLISHED BY AUTHORITY

11,852] L-Erbgħa, 26 ta' Jannar, 1966 / *Wednesday, 26th January, 1966* [Prezz 2d. / [*Price 2d.*

## AVVIŻ

Id-dikjarazzjoni li ġejja hija ippubblikata skond l-artikolu 36 (2) ta' l-Ordinanza Elettorali ta' l-1939 dwar il-Votazzjoni (Kapitolu 163).

DIKJARAZZJONI

Dawn li huma iffirmati hawn taħt, ikkummissjonati kif għandu jkun permezz ta' *Writ* bid-data tas-17 ta' Jannar, 1966, mogħti mill-Eċċellenza Tiegħu l-Gvernatur-Ġenerali, biex issir elezzjoni ta' Membru tal-Kamra tad-Deputati għad-Disa' Distrett Elettorali biex jimtela l-post li sar vakanti permezz tar-riżenja ta' Dott. Daniel Micallef, M.D., wara li eżaminaw il-karti li kien hemm fil-pakk li kien jappartieni lill-imsemmi Dott. Daniel Micallef, M.D., u wara li ittrasferewhom skond il-liġi, jiddikjaraw illi s-Sur Costanzo Sapiano, kandidat validament nominat, ingħata l-voti li jeċċedu nofs in-numru tal-karti li kienu fil-pakk imsemmi, u għalhekk huwa dikjarat biex jiġi elett Membru tad-Disa' Distrett Elettorali.

M. Abela,
*Kummissjonarju Elettorali Prinċipali.*
E. Bonello,
S. Camilleri,
H.W. Harding,
V. Scerri,
P. Sciberras,
G. Vassallo.
*Kummissjonarji Elettorali.*

Uffiċċju tal-Kummissjoni Elettorali,
1, Triq il-Mitħna,
Il-Belt Valletta.

Is-26 ta' Jannar, 1966.

## NOTICE

The following declaration is published for the purposes of section 36 (2) of the Electoral (Polling) Ordinance, 1939 (Chapter 163).

DECLARATION

The undersigned, duly commissioned by a Writ dated the 17th January, 1966, under the hand of His Excellency the Govenor-General, to cause an election of a Member of the House of Representatives for the Ninth Electoral Division to fill the seat which became vacant through the resignation of Dr Daniel Micallef, M.D., having examined the papers contained in the parcel belonging to the aforesaid Dr Daniel Micallef, M.D., and having transferred them according to law, declare that Mr Costanzo Sapiano, a validly nominated candidate, has been credited with votes exceeding half the number of papers contained in the said parcel, and is therefore declared to be elected a Member of the Ninth Electoral Division.

M. Abela,
*Chief Electoral Commissioner.*
E. Bonello,
S. Camilleri,
H.W. Harding,
V. Scerri,
P. Sciberras,
G. Vassallo.
*Electoral Commissioners.*

Office of the Electoral Commission,
1 Windmill Street,
Valletta.

26th January, 1966.

RIŻULTAT ta' l-elezzjoni kaswali li saret fis-26 ta' Jannar, 1966, biex jimtela l-post li sar vakanti permezz tar-riżenja ta' Dott. Daniel Micallef, M.D., Membru elett tal-Kamra tad-Deputati, għad-Disa' Distrett Elettorali.

*RESULT of casual election held on the 26th January, 1966, to fill the seat which became vacant through the resignation of Dr Daniel Micallef, M.D., an elected Member of the House of Representatives, for the Ninth Electoral Division.*

Nru. ta' voti fil-pakk ta' Dott. Daniel Micallef, M.D.—2308.—Nru. ta' postijiet—1.
*No. of votes in the parcel of Dr Daniel Micallef, M.D. — 2308 — No. of seats — 1.*

Kwota / *Quota* $\frac{2308}{2} = 1154.$

| Ismijiet tal-Kandidati *Name of Candidates* | Għadd I *1st Count* Voti *Votes* | Isem il-Kandidat elett *Name of Candidate elected* |
|---|---|---|
| Ganado Albert, LL.D. ... | 761 | |
| Sapiano Costanzo ... ... | 1,468 | SAPIANO Costanzo |
| Voti mhux trasferibbli *Non-Transferable Papers* | 79 | |
| Totali *Totals* ... | 2,308 | |

M. ABELA,
*Kummissjonarju Elettorali Principali.*

E. BONELLO,
S. CAMILLERI,
H.W. HARDING,
V. SCERRI,
P. SCIBERRAS,
G. VASSALLO.
*Kummissjonarji Elettorali.*

M. ABELA,
*Chief Electoral Commissioner.*

E. BONELLO,
S. CAMILLERI,
H.W. HARDING,
V. SCERRI,
P. SCIBERRAS,
G. VASSALLO.
*Electoral Commissioners.*

Uffiċċju tal-Kummissjoni Elettorali,
1, Triq il-Mitħna,
Il-Belt Valletta.

Is-26 ta' Jannar, 1966.

Office of the Electoral Commission,
1 Windmill Street,
Valletta.

26th January, 1966.

# AVVIŻ TAL-QORTI — COURT NOTICE

[ 22 ]

BY MINUTE filed this day in Her Majesty's Commercial Court, Dr Mario Felice produced the following document for publication in accordance with and for the purposes of the Commercial Code:

This 12th day of April, 1965.

In virtue of this agreement entered into today between Mr John Bartolo of 82, Rudolph Street, Sliema, and Mario Pullicino of 8, St Nicholas Street, Sliema, do form and constitute between them a Limited Liability Company for the purposes, object and under the name and conditions herein undermentioned:

1. The name of the Company shall be "C. Testa & Co. Ltd."

2. The Company shall be a Private Company and accordingly all the conditions, restrictions, limitations and prohibitions contained in article 146 of the Commercial Partnerships Ordinance, 1962, are binding on it.

3. The Registered Office of the Company shall be at 203, Merchants Street, Valletta.

4. The Objects of the Company as established are the following:

(a) To import, sell and export gold bullion, jewels and all precious stones and articles, gold and silver ware, filigree, ceramics, and all household appliances and decorative articles;

(b) To carry on trade in chandeliers, carpets, furniture, clocks, watches, cookers, refrigerators, washing machines, Television and wireless sets, heating appliances and all office equipment;

(c) To borrow or raise in any way money for the purpose of carrying on the business of the company, as well as to do all such acts and to conduct all such activities as are essentially incidental or conducive to the attainment of all or any of the above-mentioned objects.

5. The share capital of the Company shall be ten thousand pounds (£10,000) divided into one hundred shares of one hundred pounds (£100) each share. All the shares are fully paid up by the shareholders as follows:

John Bartolo — 94 shares,

Mario Pullicino — 6 shares.

Share holders shall have a right of first refusal on any newly issued shares if and when they will be so issued by the Company in proportion (pro rata) to the number of shares already held by each of them from time to time.

6. The whole business of the Company shall be managed by one Director only, who shall represent the Company at all times and on all acts and deeds.

*Traduzzjoni*

B'NOTA ppreżentata l-lum fil-Qorti tal-Kummerċ tal-Maestà Tagħha r-Reġina, Dr Mario Felice ġieb id-dokument hawn taħt miktub biex jiġi pubblikat skond il-fehma u r-rieda tal-Kodiċi tal-Kummerċ:

Il-lum 12 ta' April, 1965.

Bis-saħħa ta' dan il-ftehim li sar il-lum bejniethom is-Sur John Bartolo ta' 82, Triq Ridolfu, tas-Sliema, u Mario Pullicino ta' 8, Triq San Nikola, tas-Sliema, iwaqqfu u jikkostitwixxu bejniethom Soċjetà Anonima għall-finijiet, skopijiet u bl-isem u l-kondizzjonijiet hawn taħt imsemmija:

1. L-isem tas-Soċjetà ikun "C. Testa & Co. Ltd."

2. Is-Soċjetà tkun Soċjetà Privata u allura l-kondizzjonijiet, restrizzjonijet, limitazzjonijiet u projbizzjonijiet kontenuti fl-artikolu 146 ta' l-Ordinanza ta' l-1962 dwar is-Soċjetajiet Kummerċjali għandhom japplikaw għaliha.

3. L-uffiċċju reġistrat tas-Soċjetà ikun f'203, Triq il-Merkanti, il-Belt Valletta.

4. L-iskopijiet tas-Soċjetà kif imwaqqfa huma dawn li ġejjin:

(a) Li timporta, tbiegħ u tesporta ingotti tad-deheb, ġojjelli u ħaġar u oġġetti prezzjużi, oġġetti tad-deheb u tal-fidda, filigranu, ċeramika u apparati tad-dar u oġġetti ta' tiżjin;

(b) Li tmexxi n-negozju ta' linef, twapet, għamara, arloġġi, cookers, refrigerators, makni tal-ħasil, settijiet tat-Television u tal-wireless, apparati li jsaħħnu u tagħmir ta' l-uffiċċju;

(ċ) Li tissellef jew tipprokura flus b'kull mod biex jiġi mmexxi n-negozju tas-soċjetà, kif ukoll li tagħmel dawk l-atti kollha u tmexxi dawk l-attivitajiet kollha li jkunu essenzjalment inċidentali jew li jwasslu biex jintlaħqu l-iskopijiet fuq imsemmija jew uħud minnhom.

5. Il-kapital f'azzjonijiet tas-Soċjetà jkun ta' għaxart elef lira (£10,000) maqsum f'mitt azzjoni ta' mitt lira (£100) il-waħda. L-azzjonijiet kollha huma mħallsa għal kollox mill-azzjonisti kif ġej:

John Bartolo — 94 azzjoni,

Mario Pullicino — 6 azzjonijiet.

L-azzjonisti jkollhom dritt ta' preferenza fuq kull azzjonijiet maħruġa ġodda jekk u meta jinħarġu mis-Soċjetà fil-proporzjon (pro rata) tan-numru ta' azzjonijiet ġa posseduti minn kull wieħed minnhom minn żmien għal żmien.

6. In-negozju kollu tas-Soċjetà għandu jiġi mmexxi minn Direttur wieħed biss, li għandu jirrappreżenta lis-Soċjetà f'kull żmien u fuq kull att u kuntratt.

7. The first Director of the Company shall be John Bartolo.

8. The Director shall hold office for five years and is eligible for re-appointment.

9. Except by the death of a shareholder, no shareholder may in any way dispose of his shares to third parties unless he first offers them for sale at their nominal value to the other shareholders who shall be entitled to purchase them in proportion (pro rata) to the number of shares then held by each shareholder willing to avail himself of such offer.

10. Each share in the Company shall give the right at General Meetings to one vote, and any resolution at General Meetings, even if purporting to alter, revoke, or add any thing to the present articles shall be validly carried if approved by at least a vote representing seventy-five (75%) per centum of the paid up value of the issued share capital of the company.

(Signed) John Bartolo
M. Pullicino
Av. Mario Felice
witness to identity and signature.

(Signed) John Bartolo
Not. Dr John Micallef Trigona

True Copy of the original enrolled in my Records of the 12th April, 1965, issued this 12th April, 1965.

(Signed) Not. Dr J. Micallef Trigona

Registry of Her Majesty's Superior Courts, this 13th day of April, 1965.

E. Sammut,
Dep. Registrar.

7. L-ewwel Direttur tas-Soċjetà ikun John Bartolo.

8. Id-Direttur għandu jibqa' fil-kariga għal ħames snin u jista' jiġi nominat mill-ġdid.

9. Ħlief minħabba l-mewt ta' azzjonist, ebda azzjonist ma jista' b'xi mod jiddisponi mill-azzjonijiet tiegħu lil terzi jekk qabel ma joffrihomx għall-bejgħ bil-valur nominali tagħhom lill-azzjonisti l-oħra li jkollhom dritt jixtruhom fil-proporzjon (pro-rata) tan-numru ta' azzjonijiet li jkollu kull azzjonist li jkunu jrid jagħmel użu minn dik l-offerta.

10. Kull azzjoni fis-soċjetà tagħti dritt fil-Laqgħat Ġenerali għal vot wieħed, u riżoluzzjoni fil-Laqgħat Ġenerali, ukoll jekk tkun tidher li tbiddel, tħassar, jew iżżid xi ħaġa ma' dawn l-artikoli għandha tkun valida jekk tiġi approvata minn mill-anqas vot li jirrappreżenta l-ħamsa u sebgħin fil-mija (75%) tal-valur imħallas tal-kapital f'azzjonijiet maħruġ tas-soċjetà.

(Iffirmati) John Bartolo
M. Pullicino
Mario Felive, Av.
xhud ta' l-identità u tal-firem.

(Iffirmati) John Bartolo
Nut. Dr John Micallef Trigona.

Kopja vera ta' l-oriġinal imdaħħal fl-atti tiegħi tat-12 ta' April, 1965, maħruġa l-lum 12 ta' April, 1965.

(Iffirmat) Nut. J. Micallef Trigona.

Reġistru tal-Qrati Superjuri tal-Maestà Tagħha r-Reġina, il-lum 13 ta' April, 1965.

E. Sammut.
Dep. Reġistratur.

Stampat fid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni.
*Printed at the Department of Information*